



Brussell, 2 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9444/26

FISC 177
ECOFIN 627
ENER 255

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-
Iżvezja tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol
bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-
Direttiva 2003/96/KE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass
u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi,
f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj>.

Billi:

- (1) Fil-ġimgħat ta' qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, ġew osservati żidiet qawwija u persistenti fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija madwar l-Unjoni, ikkawżati minn żviluppi ġeopolitiċi fil-Lvant Nofsani, li affetwaw il-ktajjen tal-provvista taż-żejt u tal-prodotti taż-żejt globalment. Dawk l-iżviluppi kellhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli, u fuq l-impriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'hekk ħolqu riskju serju għall-koeżjoni soċjali, l-istabbiltà ekonomika, u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa n-natura straordinarja tas-sitwazzjoni fis-suq tal-enerġija u l-implikazzjonijiet makroekonomiċi tagħha. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni Ewropea biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tfassal miżuri nazzjonali temporanji u mmirati biex ittaffi l-impatti sinifikanti tal-fjuwils u l-komponenti tal-kostijiet relatati fuq il-kostijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, u ssottolinja, b'mod partikolari, il-ħtieġa ta' rispons koordinat, peress li l-kunflitt fil-Lvant Nofsani għandu impatt immedjat fuq il-prezzijiet tal-enerġija għal ċittadini u intrapriżi Ewropej.
- (3) Id-dazji tas-sisa kif stabbiliti bid-Direttiva 2003/96/KE jikkontribwixxu għall-kost finali tal-prodotti tal-enerġija fornuti fl-Unjoni. Tnaqqis fid-dazji tas-sisa li jkun taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti f'dik id-Direttiva jista' jtaffi xi wħud miż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija li bħalissa qed jiffaċċjaw l-Istati Membri.

- (4) Il-flessibbiltajiet ipprovduti taħt id-Direttiva 2003/96/KE jippermettu lill-Istati Membri, flimiti definiti, inaqqsu l-piż tat-taxxa fuq prodotti speċifiċi tal-enerġija b'mod immirat u temporanju. Minħabba n-natura eċċezzjonali u urġenti tas-sitwazzjoni attwali, huwa meħtieġ li jiġu previsti flessibbiltajiet speċifiċi u limitati fiż-żmien immirati b'mod espliċitu biex itaffu l-impatt tal-iskoss fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (5) Tnaqqis temporanju fit-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija mmirati jista' jipprovdi għajjnuna rapida lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi billi jnaqqas direttament il-prezzijiet tal-utenti finali. Fis-sitwazzjoni attwali, dan it-tnaqqis straordinarju jista' jikkonstitwixxi strument xieraq u meħtieġ biex jiġi indirizzat it-tfixkil ekonomiku serju li jirriżulta mill-iskoss fil-prezzijiet tal-enerġija.
- (6) Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Marzu 2026, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, l-awtoritajiet Żvediżi talbu awtorizzazzjoni biex japplikaw rati mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fuq iż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi. Dawk ir-rati mnaqqsa jkunu taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils tal-karozzi msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva b' SEK 2.4 għal kull litru ta' fjuwil. L-awtorizzazzjoni ntalbet għal perjodu ta' ħames xhur.
- (7) Skont l-awtoritajiet Żvediżi, l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għandha l-għan li tnaqqas l-impatti soċjali u ekonomiċi tal-prezzijiet bl-impnut għoljin tal-petrol u tad-diżil li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika u li taffettwa direttament kemm lill-unitajiet domestiċi kif ukoll lill-kumpaniji.

- (8) L-awtorizzazzjoni mitluba għet eżaminata mill-Kummissjoni u hija kkunsidrata li x'aktarx ma toħloqx distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni u ma tfixkilx il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Permezz tad-durata qasira tagħha u ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika flimkien ma' prezz tas-suq taż-żejt eċċezzjonalment għoli, idderoga mitluba hija kkunsidrata adegwata u proporzjonata meta titqies il-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-oġġettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19(1), it-tielet paragrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni u l-imperattiv ta' emerġenza biex tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Iżvezja tiġi awtorizzata tapplika rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa taħt il-livelli minimi tal-Unjoni għaż-żejt tal-gass u għall-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu jeħtieġ li jkollha żmien strettament limitat. Madankollu, sabiex ma jiddgħajfux l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi previst li, fil-każ li l-Kunsill, li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-TFUE, jintroduċi livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għaż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi li għalihom dik l-awtorizzazzjoni ma tiġix adattata, jenħtieġ li dik l-awtorizzazzjoni tieqaf tapplika fid-data li fiha daww il-livelli minimi ta' tassazzjoni ġodda jsiru applikabbli.

- (11) Fl-istess ħin, tnaqqis mhux immirat fit-taxxa jimplika kostijiet fiskali sinifikanti u għandu t-tendenza li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggrava l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura tapplika għal żmien strettament limitat.
- (12) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Iżvezja hija awtorizzata tapplika tnaqqis fir-rati sa SEK 2,4 għal kull litru taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għaż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Novembru 2026.

Madankollu, f'każ li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-TFUE jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-TFUE, jintroduċi livelli minimi ta' tassazzjoni ġodda kif imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għaż-żejt tal-gass u l-petrol bla ċomb użati bħala fjuwils tal-karozzi li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx adattata, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fil-jum li fih isiru applikabbli dawk il-livelli minimi ta' tassazzjoni ġodda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
